# L-ebda ġustifikazzjoni għal staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa

## Reazzjoni ta' BirdLife Malta għar-rakkomandazzjoni tal-bieraħ mill-Kumitat Ornis dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa fl-2017

BirdLife Malta tinsisti li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex jinfetaħ staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

Wara r-rakkomandazzjoni tal-bieraħ mill-Kumitat Ornis lill-Gvern biex jiftaħ staġun tal-kaċċa fuq is-Summien fir-rebbiegħa għal perjodu ta' tliet ġimgħat bejn il-25 ta' Marzu u l-14 ta' April (il-kaċċa fuq il-Gamiem mhux se tkun permessa wara l-moratorju li tħabbar f'Mejju), BirdLife Malta xorta temmen li m'għandux jinfetaħ staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-2017.

BirdLife Malta tinsisti li d-deċiżjoni finali li trid tittieħed mill-Gvern għandha tkun ibbażata fuq fatti xjentifiċi u tfakkar lill-Gvern li l-wegħdi politiċi ma jiġġustifikawx deroga mid-Direttiva Ewropea tal-Għasafar.

Il-vot ta' BirdLife Malta fil-laqgħa tal-bieraħ tal-Ornis kien l-uniku wieħed kontra l-ftuħ ta' staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fl-2017. Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), u ż-żewġ rappreżentanti indipendenti magħżulin mill-Gvern flimkien maċ-Chairman tal-Kumitat Ornis kollha vvutaw favur.

Ir-raġuni prinċipali għall-pożizzjoni ta' BirdLife Malta kontra staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tibqa' waħda ggwidata minn prinċipju importanti tal-konservazzjoni – dak li l-għasafar m'għandhomx jinqatlu waqt li jkunu qed ipassu lejn l-Ewropa fi triqithom lejn il-post fejn ibejtu.

Minbarra f'dan, hemm aktar fatti u evidenza xjentifika li juru għaliex staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għas-Summien mhux ġustifikat, bħalma huma studji kkummissjonati u mħallsa mill-gvern stess li juru li fil-ħarifa jgħaddi biżżejjed Summien tul l-ewwel xahrejn tal-istaġun tal-kaċċa.

Dawn il-fatti juru li fl-2014, total ta' 45,863 Summiena huma stmati li passew minn fuq Malta fil-ħarifa, biċ-ċifra tiżdied fl-2015 u terġa' tiżdied għal 69,915 fl-2016. Dan ifisser li l-ħarifa hi kkunsidrata bħala staġun sodisfaċenti għall-kaċċa tas-Summien. **(Ara Tabella 1 aktar 'l isfel)**

Anke jekk tqabbel in-numru attwali ta' għasafar maqtula ssib li l-kaċċa fil-ħarifa hi sodisfaċenti. Pereżempju, tul l-istaġuni tal-kaċċa tar-rebbiegħa bejn l-2011 u l-2016, inqatlu biss total ta' 1,926 Summiena (medja ta' 321 kull staġun) bl-ogħla ammont

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

ikun dak irreġistrat tul l-istaġun tal-2014 b'637 Summiena maqtula. B'kuntrast, tul erba' staġuni tal-kaċċa fil-ħarifa mill-2011 sal-2014 inqatlu 17,333 Summiena. Għalhekk, għal darba oħra, din hi prova ċara li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-kaċċa fuq is-Summien fir-rebbiegħa għax il-kaċċa għal dan l-għasfur tul il-ħarifa hi sodisfaċenti. **(Ara Tabelli 2 u 3 aktar 'l isfel)**

Finalment, infakkru li minkejja r-rakkomandazzjoni tal-Ornis lill-Gvern ilbieraħ, ir-responsabbiltà finali biex jieħu d-deċiżjoni aħħarija tibqa' tal-Gvern li jrid jistipula l-kundizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni li jippermettu l-ftuħ ta' staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-2017.

Fid-dawl ta' dan, BirdLife Malta se tibqa' tinsisti mal-Gvern li jieħu deċiżjoni bbażata fuq raġunijiet xjentifiċi u fattwali u mhux waħda li tkun dettata mill-wegħdi u r-rieda politika. Fil-jiem li ġejjin BirdLife Malta se tkun qed tissottometti dawn il-fatti xjentifiċi lill-Gvern flimkien mar-rakkomandazzjonijiet finali tagħha.

**TMIEM**

**Tabella 1**

| **Perjodu tal-istudju** | **Passa tas-Summien fil-ħarifa (stima)** |
|---|---|
| 1 Sep-31 Ott 2014 | 45,683 |
| 1 Sep-31 Ott 2015 | 50,514 |
| 1 Sep-31 Ott 2016 | 69,915 |

**Tabella 2**

| **Staġun** | **Summien maqtul fir-rebbiegħa** |
|---|---|
| 2011 | 366 |
| 2012 | 151 |
| 2013 | 491 |
| 2014 | 637 |
| 2015 | 148 |
| 2016 | 133 |

**Tabella 3**

| **Staġun** | **Summien maqtul fil-ħarifa** |
|---|---|
| 2011 | 6,289 |
| 2012 | 4,262 |
| 2013 | 5,093 |
| 2014 | 1,689 |

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti:**
1. Summiena maqtula waqt l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa (Ritratt ta' Lars Soerink)
2. Summien maqtul minn kaċċaturi (Ritratt ta' Lars Soerink)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna